Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-05 ta' Marzu 2020

**Pulizija**

**Vs**

**Noel Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet kontra Noel Bonnici ta' 28 sena, imwieled Pieta nhar l-4 ta' Ottubru 1988, iben Dominic u Marija nee Vella u residenti 22, FraMar, Triq il-Mosta, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 456588M.

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Awissu, 2017, ghal habta ta' nofs in-nhar u l-hinijiet ta' qabel fi Triq il-Mosta, Naxxar:

**1)** Gieghel annimal (kelb) isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

**2)** Talli zamm annimal (kelb) jew qabel illi jzzomm annimal u naqas illi jkun risponsabbli ghat-trattament xieraq tieghu;

**3)** Talli naqas illi jiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza biex jizgura il-htigijiet tal-annmial (kelb) illi kien responsabbli ghalih, jew li qabel li jiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri tal-annimal;

4) Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' M. Dolores Scicluna hekk kif iccertifikat it-tabiba Dr. Tracy Vidal MD mic-centru tas-sahha tal-Mosta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali datat 18 ta' Jannar 2018, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. (*a fol.10*).

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta' il-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.12*).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-17 ta' Mejju 2018 il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza li giet nnotifikata lil imputat seduta stante.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Paul Scicluna, Jeremy John Scicluna u Maria Dolores Scicluna.

Semghat ix-xhieda ta' Carissa Edwards, Noel Bonnici u Daniele Brincat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti kif preseduta, giet mizmuma fit-18 t'Ottubru 2018, wara assenjazzjoni maghmula fis-16 ta' Lulju 2018, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili moqri flimkien mal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-18 ta' Jannar 2018, xehed Paul Scicluna (***a fol. 13 et Seq.***) fejn qal illi hu sid il-kelb, Max, tar-razza Alaskan Malamute, li kellu hames snin u li kien kelb ferriehi u b'sahhtu. Hu spjega illi kien ser jsiefer mat-tifel tieghu Jeremy u kien irranga ma' l-imputat li huwa gharaf fl-awla, biex jzommlu l-kelb bejn it-28 ta' Lulju u 3 ta' Awissu 2017,

god-dar ta' l-istess imputat, gewwa 22, Mosta Road, Naxxar. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat zammlu l-kelb u qatt ma kellu problemi qabel. Ghal dan is-servizz ix-xhud qal li kien jhallas lil imputat. Il-kelb dejjem kien jinzamm go kamra bid-double bed, u Max kien jkun kuntent hemm ghax kellu kamra imdaqqsa bil-gallarija. Ix-xhud kompla jghid illi hu ma giex lura Malta fit-3 ta' Awissu 2017 kif kien ippjanat, ghax ma kienx hemm 'seat' fuq l-ajruplan, ghalkemm it-tifel tieghu Jeremy tela' fuq din it-tittjira. Ix-xhud kompla jghid illi hu cempel lis-sur Bonnici biex javvzah li ma setax jmur ghal kelb dakinhar, imma kien ha jmur l-ghada fil-4 ta' Awissu 2017. Qallu pero' illi jekk kienet problema, seta' jmur it-tifel Jeremy ghal-kelb, izda l-imputat qallu li ma kinitx problema. Nhar l-4 ta' Awissu 2017, ircieva telefonata minghand is–Sur Bonnici, ghal habta ta' nofsinhar, fejn qallu ghandna problema ghax Max kien qabez mit-tieqa u tghallaq, ghax ic-cinga ma lahhqitx, u miet. L-ewwel kienu ftehmu li tmur l-ambulanza ghal kelb biex jarmuh, imbaghad ix-xhud biddel fehmtu u cempel lil imputat biex jzomm l-kelb hemm sakemm jmur it-tifel Jeremy ghalih. Ix-xhud qal li marru hu l-mara u t-tifel ghand is-Sur Bonnici ghal kelb. Xhin wasslu l-imputat ma hadhomx fil-kamra tas-soltu imma baqghu telghin fuq il-bejt fejn kien hemm Max go kamra zghira bis-saqaf baxx u l-art bis-cement. Ix-xhud kompla jghid li hu ra tieqa maghluqa mkissra, forma ta' 'star', bieb u l-bowls tal-ilma li kienu vojta. Max kien mejjet taht it-tieqa fejn kien marbut. Kienet 'heat wave' dakinhar, u Max kien ghadu shun ghalkemm kienu s-sitta ta' filghaxija u kellu d-demm taht imniehru. Ix-xhud qal li meta kienu dehlin gol-karrozza lesti biex jitilqu hu ra lil imputat jhebb ghal mara tieghu u rah jaghmel subghajh ma' wiccha u x' hin hi marret tilqghalu, wegghet subghajha tac-curkett fejn wara marru l-polyclinic tal-Mosta. Hemmhekk kien hemm xi staff li issugerewlhom sabiex jaghmlu awtopsja fuq il-kelb. Ftit wara cempillu l-imputat, fejn qal lix-xhid li kellu bzonnu jmur lura biex jiffirma xi dokumenti fejn ix-xhud qal lil ta' l-ambulanza biex jiehu lill kelb l-isptar ta' San Frangisk, sptar tal-annimali, biex ssir awtopsja. Ix-xhud ezebixxa Dok PS1 li hi r-registrazzjoni tal-kelb, Dok PS2 pedigree certificate, Dok PS3 rapport tal-awtopsja, Dok PS4 certifkat tat-tabib ghal griehi ta' M. Dolores Scicluna u Dok PS 5 e-mail minghand APH Vetinary Hospital. Fil-kontro ezami, ix-xhud gie

mistoqsi jekk kienx jaf kemm kien ilu fuq il-bejt il-kelb qabel ma gie nieqes, u hu wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi ghalfejn ma kienx qal lil imputat li kien ha jiehu l-kelb ghal awtopsja, hu wiegeb illi hekk hass li kien l-ahjar. Mistoqsi jekk xi tabib kienx tkellem ma' l-imputat biex jiehu l-verzjoni tieghu jew accediex fuq il-post fejn miet il-kelb, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Ix-xhud kien halla l-kelb il-Gimgha filghaxija l-isptar u kien ircieva e-mail bic-certifikat l-ghada s-Sibt fl-4.22am. Hu kien tkellem ma' ta' l-animal welfare xi jumejn wara, fejn qal li kellhom jibghatu lil xi hadd biex jaraw il-post fejn gara l-incident, izda hadd ma kien kellmu lura.

Fl-1 ta' Marzu 2018 xehed Jeremy Scicluna (***a fol. 43 et Seq.***) li qal illi l-familja taghhom kellhom kelb tar-razza Alaskan Malamute li kien registrat fuq missieru. Missieru kien ha l-kelb ghand l-imputat, ghax kienu ser jsiefru. Ma kintix l-ewwel darba li kienu haduh ghand is-Sur Bonnici biex jzommu sakemm jkunu msiefrin u ta' dan l-imputat kien jithallas. Huma kellhom jinzlu Malta fit-3 t'Awissu 2017 izda peress illi hu kien Pilota kellhom tickets standby, u allura jitilghu biss jekk jkun hemm post, u peress illi l-flight kien mimli, hu kellu post fuq il-'jump seat' izda missieru kellu jinzel filghaxija. Ghalhekk kienu cemplu lil imputat biex jghidlu jekk jigbrux hu dakinhar jew missieru l-ghada. Fil-fatt ix-xhud kien ircieva messagg minghand missieru fejn qallu li kien irranga ma' Noel biex jigbru l-ghada, u x-xhud ezebixxa kopja tal-messagg mmarkat bhala Dok JS1. Ix-xhud kompla jghid li l-kelb kien xtrah lil missieru bhala rigal tal-pensjoni xi erba' snin u nofs qabel. Ix-xhud qal li l-ghada li wasal Malta, wara x-xoghol kien mar ghandu missieru u kien qallu li Max miet, u bejn is-7pm u 7.30 pm ddecdew li jmorru jarawh in-Naxxar fejn fethilhom l-imputat u tellahom fuq il-bejt, fejn ix-xhud ra lil Max go kamra zghira u bis-saqaf baxx, bl-art skura bla madum, fejn il-kelb kien taht it-tieqa mimdud. Kien hemm zewg twieqi u bieb. L-imputat qallhom illi Max kien qabez mit-tieqa biex jaghmel ghal klieb l-ohra u tghallaq. Hu qalilhom li kien rabtu, u huma bdew jsaqsuh ghalfejn rabtu, u ghaliex zammu fil-kamra tal-bejt fis-shana ghax kienet gurnata 'heat wave'. Huma kienu qeghdin jghajtu u jibku u l-impuat kien kecciehom il-barra. L-argument kompla barra u s-Sur Bonnici beda jipponta subghajh lejn ommu, fejn ix-xhud qal li mar biex jidhol bejniethom

filwaqt li l-imputat mbuttah u beda jghidlu li ma jibzax minnu. Qabel ma telaq, ix-xhud qal lil imputat, biex ma jarmix il-kelb u ftehmu li kien ha jcempel l-ambulanza. Huma imbaghad haduh l-isptar ta' Ta' Qali fejn kienu kellmu mara barranija u talbuha biex ssir awtopsja. Ir-rizultat ta' l-awtopsja ircievieh missieru permess ta' e-mail, u kien baghtu lilu. Meta gie muri Dok PS 5 u PS3 ikkonferma li dawn kienu l e-mail u r-rapport ta' l-awtopsja li kien ircieva missieru. Mistoqsi jekk it-telefonata saritx fl-4 ta' Awissu 2017 ghal xi nofsinhar, ix-xhud wiegeb illi din saret lil papa tieghu u mhux lilu, izda missieru kien qallu li l-imputat kien cempel ghal habta ta' nofsinhar. Huma kienu marru f'xi s-sebgha ta' filghaxija u sabu l-kelb fil-washroom, izda fejn kien qabel ma setghex jghid. Mistoqsi jekk it-tabib li harget ic-certifikat kinitx kelmet lil Noel Bonnici, ix-xhud qal illi ma jahsibx u dwar jekk marritx fuq il-post tal-incident hu qal li ma kienx jaf. Mistoqsi r-raguni ghalfejn ma kienux qalu lis Sur Bonnici li kienu ha jaghmlu awtopsja, x-xhud wiegeb li ma kienx hemm raguni imma huma riedu jkunu jafu biex miet il-kelb.

Xehdet ukoll Maria Dolores Scicluna (***a fol. 55 et Seq.***) fejn qalet illi zewgha Paul Scicluna kellu kelb u peress illi kellu bzonn jsiefer kien halla lil kelb mad-'dog sitter'. Hi qatt ma kienet iltaqat ma' Noel Bonnici. Meta kien gej lura minn barra r-ragel kellu problema fil-flight u rranga mad-'dog sittter' sabiex jigbor il-kelb l-ghada ghal xis-1.00pm. Noel id-'dog sitter', cempel lil ragel u qallu li kien miet Max u r-ragel kien komoss u ghalhekk iddecidew li jistennew lil Jeremy, it-tifel taghhom, jigi mix-xoghol u jmorru jghidulu x'gara. Ix-xhud qalet li hegget lir-ragel u lit-tifel biex jmorru jaraw lil Max ghax inkella jibqghu 'in denial'. Marru in-Naxxar ghand l-imputat li hi gharfet fl-awla, u baqghu telghin sal-washroom fejn kien hemm il-kelb mal-art fuq is-'cement'. Peress illi hi kienet nurse kienet taf illi seta' miet bil-ghatx u marret biex tara l-bowl tal-ilma fejn saghbet li kienet vojta u bdiet tirrabja u ixxejjer il-bowl biex turi lil imputat li kien vojt. Hi meta misset il-kelb hassitu ghadu shun bis-shana li kien hemm, ghax kien hemm 'heatwave'. Il-kelb kellu ghajnejh cari u girfa fil-qiegh ta' saqajh u naqra demm fuq il-'paw' u l-kelb kien moghtti u mejjet. Hi bdiet tghidlu li l-kamra ma kinitx ambjent fejn izzomm il-kelb. Nizlu isfel u hargu barra fit-triq u l-imputat baqa' jghajjat u

jigri warajhom, u x'hin kienet diehla fil-karrozza taghha, l-imputat hebb ghaliha u wegghalha subghajha, wiccha u sidirha, u dak il-hin nizel Jeremy it-tifel taghha, li kien gia rikeb fil-karrozza, u qal lil imputat, ara ma twegghax lil mummy, fejn dan kien ha jehodha ma' Jeremy, imma fil-pront gie missier Noel u firidhom. It-tifel imbaghad ma riedx jiitlaq bil-glied u ghalhekk regghu dahhlu gewwa fejn ix-xhud talbet silga lil mara ta' l-imputat, u wara marru l-'poyclinic' fejn ratha tabiba.

Fil-kontro ezami ix-xhud giet mistoqsija jekk gieli hadux lil Max ghand is-Sur Bonnici qabel, u hi qalet li r-ragel kien jiehdu u li ma qaliliex jekk qattx kellu problemi. Mistoqsija jekk kinitx taf fejn kien il-kelb dakinhar filghodu, qabel ma sabuh fil-'washroom', hi tghid li ma tafx. Mistoqsija jekk hadux lil imptutat ghand il-vet biex jaghti l-verzjoni tieghu, hi tghid li ma tafx x'ghamel ir-ragel.

Fit 18 ta' Ottubru 2018 xehdet bil-lingwa Ingliza Clarissa Edwards (***a fol. 67 et Seq.***) li hija Veterinarja ma APH Animal Hospital, gewwa Ta' Qali. Hi tghid illi l-kelb kien dahal l-isptar fl-4 ta' Ottubru 2017 u filghaxija kienet 'on duty' u intalbet sabiex taghmel awtopsja fuq il-kelb biex tistabilixxi l-kawza tal-mewt. Hi xehedet illi kienet ghamlet rapport, fejn il-konkluzzjoni taghha kienet illi il-kawza tal-mewt kienet 'heat stroke'. Hi ma ltaqatx ma' min gab il-kelb ghax kien iltaqa' maghhom Vet iehor u qatt ma kienet rat il-kelb qabel dakinhar. Fil-kontro ezami, ix-xhud qalet illi qatt ma ltaqat ma' l-imputat Noel Bonnici li kien il-'handler', u li hi kienet hadet il-'history' minghand is-sidien tal-kelb wara li kienet ghamlet l-awtopsja, ghax qabel ma kinitx kelmithom.

Illi fil-15 ta' Novembru 2018 xehed l-imputat Noel Bonnici (***a fol. 85 et seq.***) fejn qal illi hu jiehu hsieb il-klieb tan-nies meta jsiefru, u jithallas ta' dan is-servizz. Hu jghid illi kien ilu jaf lil Paul Scicluna ghal xi tlett snin, ghax kien jehodlu l-kelb tar-razza Alaskan Malamute biex jzommulu ta' sikwit. Kellu relazzjoni tajba mal-kelb u fil-fatt meta kien jigi ghandu l-kelb, kien jifrah bih u joghla mieghu. Fit-28 ta' Lulju, Paul Scicluna kien hadlu l-kelb, u kellu jigbru fit-3 t'Awwissu. Dan il-kelb kien friendly man-nies, imma kien aggressiv ma' klieb ohra u

ghalhekk kien jzommu f'kamra wahdu, johorgu wahdu u jaghtih jiekol wahdu. Fit-3 t'Awwissu l-imputat ircieva telefonata minghand Paul Scicluna, fejn qallu li ma setax jmur ghalih, u hu qallu li kellu problema, ghax il-kamra fejn kien jzomm il-kelb kellu bzonnha, fejn Paul Scicluna qallu li ma setax jigi ghalih ghax tilef l-ajruplan, u ghalhek l-imputat qallu li ser jara kif jirranga. L-ghada f'nofsinhar hareg il-kelb mill-kamra u tellghu fuq il-kamra ta' fuq il-bejt biex jirrangalu post iehor. Hu esebixxa ritratti mmarkati Dok NB1 sa NB6 li huma ritratti ta' din il-kamra ta' fuq il-bejt. Il-kamra ghandha zewgt itwieqi kontra xulxin li huma kbar u allura peress illi minn hemm seta jmur hdejn klieb ohra hu rabat il-kelb fil-kamra biex ma jiehux riskju, u hallielu l-ilma. L-imputat qal li nizel isfel biex ikompli jirranga u jahsel u xi nofs siegha wara, x'hin lesta, reggha tela' fuq ghal Max u ma sabux fil-kamra, imma ra il-katina tieghu mqabbza ghal got-tieqa, u x'hin ittawwal ra lil Max mghallaq, ghax kien imdendel minn ghonqu ghal barra. Hu ippanikja u hareg jigri fuq il-bejt, refghu u hall ic-cinga u beda jcaqalqu u jghajjat, imma l-kelb kien mejjet. Hu dahhlu fil-kamra, u l-ewwel cempel lis-sid u qallu biex jmur hemm biex jaraw x'ser jaghmlu, izda Paul qallu li ma riedx jara l-kelb hekk u ghalhekk cempel lil ta' l-Animal Welfare li qalulu li ma setghu jaghmlu xejn u tawh in-numru tat-telefon ta' l-ambulanza fejn qalulu li huma setghu jigu ghal kelb u jehduh il-biccerija ghax hekk isir normalment. Ftit wara cempel Paul u qallu li kien ha jistenna lil tifel tieghu jispicca xoghol, biex jara riedx imur jarrah fejn l-imputat qallu li mhux tajjeb ihalli kelb mejjet fis-shana, izda s-sid insista mieghu. Fil 5.30 pm hu rega' cempel lil Paul, fejn dan qallu li kienu sejrin dalwaqt, izda Paul, il-mara tieghu u t-tifel waslu fis-7.30pm u bdew jghajjruh u jkellmuh hazin, u hu x'hin ra din l-attitudni keccihom l-barra. L-imputat qal li Maria Scicluna qabbdet il-bowl tal-ilma u waddbitielu. L-imputat kompla jghi li il-mara tieghu cemplet lill-genituri tieghu li joqoghdu vicin u ftit wara wasal missieru fejn beda jipprova jikkalma s-sitwazzjoni u beda jghid lis-Sinjuri Scicluna, biex jmorru bil-kwiet. It-tlieta dahhlu fil-karrozza fejn Maria Scicluna bdiet tghajjat li wegghet subghajha mal-bieba, u talbithom is-silg u ghalhekk regghu dahhlu gewwa fejn komplew l-insulti. Hu rega' cempel lil tal-ambulanza biex jigu ghal kelb, ghax sid il-kelb kien qallu biex jiehu hsieb hu. Marru ta' l-ambulanza, u x'hin poggew il-kelb fil-karrozza

dawn qalu lil imputat li kellu bzonn il-firma ta' sid il-kelb, u ghalhekk cempel lil Paul li rega' gie jiffirma, u qallu biex jehdu fejn ha jghidlu hu u saqsieh kellux oggezzjoni u hu m'oggezzjonax. L-imputat kompla jghid illi t-tieqa tal-kamra fejn kien qed jinzamm Max kienet mkissra, u mall-hgieg sab difer tal-kelb imwahhal gol-frame tal-hgieg. Fl-awtopsja rrizulta ukoll illi l-kelb kellu difer nieqes. L-imputat qal li hu ma kienx jaf li s-sidien kienu sejrin jiehdu il-kelb ghall-awtopsja u li hu qatt ma kellem lit-tabiba biex jispjega kif gara l-incident, u lanqas tawh cans jgib tabib biex jezaminah. L-ghada hu sar jaf mill-media socjali dwar l-awtopsja ghax Maria Scicluna tefghet post malafamanti li mill-awtopsja hareg illi l-kelb kien miet b''heat stroke' ikkagunat minn 'dehydration'. Hu kien tellgha l-Qorti kull minn kien kiteb kontrih u kien hemm sentenza kontrihom. Hu kien kellem lil vet tieghu Daniele Brincat, li kien qallu li kif tigi spjegata kif grat l-istorja, tista' tinfluwenza lil minn jaghmel l-awtopsja, ghax is-sintomi ta' kelb li jmut mghallaq jew b''heat stroke' huma simili hafna.

Fil-kontro ezami, l-imputat qal illi normalment ma jzommx klieb fil-kamra ta' fuq il-bejt, ghalkemm hija ventilated, u meta marru jahgmlu 'spot check' ta' l-Animal Welfare qalu li ma kien fiha xejn hazin. Hu kompla jghid li dakinhar kienet 'heat wave' u l-kamra hija l-aktar wahda gholja u allura esposta ghax-xemx. Mistoqsi jekk meta waddbitlu l-bowl Maria Scicluna kienx fiha ftit ilma, hu wiegeb illi l-bowl kien fiha madwar gholi ta' zewgt iswaba. Gie mistoqsi jekk it-twieqi kienux maghluqin, l-imputat qal illi kienu miftuhin miz-zewg nahat u li hu sab il-hgieg fuq il-bejt u d-difer mal-'frame' tat-tieqa. Mistoqsi jekk is-Sinjura Scicluna wegghetx waqt illi hu kien qieghed jaghlaq il-bieb tal-karrozza taghhom, hu wiegeb illi missieru beda jipprova jdahhalhom fil-karrozza u semaha tghid illi qabdet subghajha. L-imputat rega' kkonferma ukoll illi ma kintix l-unika okkazzjoni li zamm il-kelb u li dan qatt ma kien inzamm fil-kamra tal-bejt. Dakinhar Max kien ilu fil-kamra ta' fuq il-bejt bejn wiehed u iehor nofs siegha qabel ma miet, izda damm hemm sas-7.30pm. Hu sar jaf wara illi s-sidien kienu hadu l-kelb ghall-awtopsja u hu kien ra r-rapport ghax kien ghadielu kopja l-Avukat tieghu xi xahar wara. Hu qatt ma kien kellem lil Vet li ghamlet l-awtopjsa, imma kellem lil Vet

tieghu li qallu li s-sintomi ta' kelb li jmut mghallaq u kelb li jmut b''heat stroke 'huma simili.

Illi fis-17 ta' Jannar 2019 xehed Daniele Brincat (***a fol. 101A et seq.***) li huwa Veterinarju li jaf lil akkuzat, ghax kien klijent tieghu, u kien saqsieh x'inhuma is-sintomi li wiehed jara meta kelb jkun tghallaq ghax hareg mit-tieqa. Wara issemma l-*post mortem* certificate, fejn ix-xhud qal lil imputat, li jista' jkun hemm certu sinjali li jistghu jkunu generali u mhux specifici. Fil-*post mortem* jissema difer mkisser u brix fis-saqajn. Meta kelb jmut suffokat jkun hemm certu sinjali, bhal demm fil-pajp tan-nifs u demm fil-pulmun li huma generici fil-kaz ta' 'suffocation' u fil-kaz ta' 'heatstroke' specjalment meta l-post mortem ssir sebgha (7) sieghat wara l-mewt. Xi sinjali li johorgu fil-*post mortem* bhal 'gas detection of the stomach and looms of the intestines', jkunu ghax il-kelb jkun ilu mejjet. Certu affarijiet mhux konklussivi f'dan ir-rapport ghax ghalkemm il-Vet li ghamlet l-awtopsja, iccekjat il-pulmun, ma komplietx ticcejka it-tul ta' l-'airways' ghax kieku kienet tara jekk kienx hemm demm u 'frothing' u r-raghwa got-'trekea' li tista' tissugerixxi 'strangulation'. Ix-xhud kompla jghid li l-'history taking' hija parti importanti ghall-awtopsja, u ghalhekk jekk ma jkollokx storja kompluta tista' tigi 'misguided'. Hu jghid illi qatt ma kien ra l-kelb, u ma kienx prezenti waqt l-awtopsja u lanqas qatt ma tkellem ma' sid il-kelb. Hu kien qieghed jixhed fuq dak li qallu s-Sur Bonnici fuq dak li ra fic-certifikat, ghax hemm imnizzel li l-kamra hi zghira, meta l-kamra mhux zghira, u hemm 'ventilation' adegwat biex izzomm kelb fiha. Ix-xhud qal li hu gieli mar fuq il-post, kemm qabel kif ukoll wara l-incident. Il-*post mortem* findings ta' 'heat stroke' u 'strangulation' jistghu jkunu simili u jekk il-'history' tkun zbaljata tista' tizgwida il-'findings'. Il-brix fis-saqajn u t-titjir tad-difer m'humiex kompatibbli ma' 'heat stroke'. Dwar id-difer, ix-xhud qal li jekk dan kienx hemm xi xahar qabel jew granet qabel, fl-opinjoni tieghu, la l-Vet li ghamlet l-awtopsja sabithom dak il-hin, huma probabilment relatati ma dakinhar, ghax kieku grat qabel, il-kelb kien jkun mugugh, u l-imputat kien jcempillu ghax huwa bniedem risponsabbli.

**Ikkunsidrat,**

Illi mill-provi jirrizulta illi Paul Scicluna kien ser jsiefer u halla l-kelb tieghu ma' l-imputat Noel Bonnici mit-28 ta' Lulju sat-3 t'Awwissu 2017, hekk kif gieli kien ghamel diversi drabi qabel. Peress illi s-Sur Scicluna kellu problemi sabiex jasal Malta fid-data prevvista, hu cempel lil imputat sabiex javzah li ma' setghax imur ghall-kelb skond kif ftehmu, imma li kien ser jmur ghal kelb l-ghada fl-4 ta' Awissu 2017. Fl-4 ta' Awissu ghal habta ta' nofsinhar ircieva telefonata minghand l-imputat, illi l-kelb kien miet peress illi qabez mit-tieqa u tghallaq fic-cinga tieghu stess. Dakinhar stess hu, martu u ibnu Jeremy marru ghand l-imputat ghal habta tas-7.00pm fejn sabu lil kelb mejjet go karma fuq il-bejt, fejn skond ix-xhieda kemm ta' Paul Scicluna, kif ukoll ta' l-imputat stess, dan ma' kienx il-post fejn is-soltu jinzamm il-kelb Max, u dan peress illi, (wkoll skond ix-xhieda ta' l-imputat stess), Max ghalkemm kien 'friendly' man-nies, kien aggressiv fil-konfront ta' klieb ohra.

Illi l-imputat sostna li Max ma' kienx ilu hin twil fil-kamra ta' fuq il-bejt, u ttella' hemm, xi nofs siegha qabel miet, u dan sabiex l-imputat setgha jnaddaf il-kamra fejn kien qed jinzamm Max. L-imputat stqarr ukoll li huwa rabat lil kelb sabiex ma jkunx jistgha jaqbez mit-tieqa u jmur ghal klieb ohra li kienu jinstaghbu fuq il-bejt.

Illi rrizulta li sid il-kelb, ha lil kelb Max ghall-awtopsja fl-isptar ta' l-annimali San Frangisk, fejn mix-xhud *ex parte* mtella' mill-Prosekuzzjoni, il-Veterinarja Clarissa Edwards, u skond ir-rapport tal-awtopsja maghmul minnha, il-kelb miet b''heat stroke'. Illi l-istess xhud ikkonfermat illi hi qatt ma' kellha kuntatt mal-'handler' tal-kelb u l-informazzjoni li tnizzlet fuq ir-rapport maghmul minnha, giet moghddija lilha minn sid il-kelb tramite' terzi. Illi jirrizulta wkoll illi l-awtopsja saret diversi sighat wara l-mewt tal-kelb fejn il-gisem tieghu thalla fis-shana ghal aktar minn sebgha (7) sighat.

Illi xehed ukoll il-Veterinarju Daniele Brincat, bhala xhud *ex parte* tad-difiza li qal illi s-sintomi ta' 'heat stroke' u 'strangulation' huma

simili meta ssir awtopsja, u ghalhekk l-istorja li tinghata lil min jaghmel l-awtopsja, tista' tinfluwenza r-rizultat tal-kagun tal-mewt, u ghalhekk jista' jkun hemm dizgwid rigward ir-raguni proprja li kkawzat l-mewt ta' Max.

Illi rrizulta li l-unika qbil li hemm fil-verzjonijiet moghtija mix-xhieda kollha, apparti l-fatt li l-kelb Max miet meta' kien fil-kustodja ta' l-imputat, hi li l-kelb kellu difer maqluh u kellu d-demm fuq wahda mill- 'paws'.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li seghmet ix-xhieda u rat l-provi kollha migjuba quddiema, din il-Qorti hija konvinta li akkuzi numru **wiehed (1) u tnejn (2)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi l-akkuza numru **erbgha (4)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat ma' tirrizultax, u dan ghaliex l-akkuzi permezz tal-korezzjoni mitluba mill-Prosekuzzjoni, fis-17 ta' Mejju 2018, u approvati minn din il-Qorti diversament presjeduta, u notifikati lil imputat seduta stante, jaqraw, "nhar l'04 t'Awwissu 2017 ghal **habta ta' nofsinhar u l-hinijiet ta' qabel"**, mentri l-allegati griehi fuq Maria Dolores Scicluna sehhew wara is-sebgha ta' fil-ghaxija (7pm).

**Ikkunsidrat**

Illi rigward l-akkuza numru **tlieta (3)** migjuba fil-konfront ta' l-imputat, skond Artiklu 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta,

*"Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal. Għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, ħtiġiet ta'annimal tinkludi l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard".*

Illi ghalhekk l-imputat meta accetta li jiehu hsieb lil kelb Max, mholli fil-kura tieghu minn Paul Scicluna, kellu jizgura li **f'kull hin** tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimal kif ukoll l-protezzjoni minn ugigh, tbatija, korrimenti u mard ta' l-istess kelb.

Illi mir-rizultanza tal-fatti, migjuba fil-kaz odjern u cioe' li l-kelb Max miet b'mod tragiku, u dan skond ix-xhieda ta' l-imputat stess, *"sibtu mdendel min ghonqu mghallaq",* waqt li kien qed jiehu hsiebu l-istess l-imputat, il-Qorti hija konvinta li tali akkuza giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, filwaqt li qed tillibera lil imputat mill-akkuzi **numru wiehed (1), tnejn (2) u erbgha (4)** migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikolu 8 (4) u 45 (1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat hati ta' l-akkuza numru **tlieta (3)** migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€ 2,500).

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat